# DEĊIŻJONIJIET TAL-QRATI SUPERJURI TA' MALTA

## L-EWWEL PARTI
## QORTI TA' L-APPELL

### L-EWWEL SEZZJONI — AWLA ĊIVILI

**8 ta' Jannar, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Prokuratur Legali Giuseppe A. Bruno

*versus*

Joseph Rossignaud ne.

**Sigurtà Nazzjonali — Pensjoni tax-Xjuħ — Impjeg — "Contract of Service" — Arbitru — Appell — Art. 1712 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 44 tal-Att VI tal-1956 — Art. 2 tal-Att XI tal-1952.**

*L-appell mid-deċiżonijiet tal-Arbitru nominat skond l-Att tas-Sigurtà Nazzjonali, lill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina, hu konċess minn dik il-liġi fuq punt ta' dritt. Jekk l-Arbitru, fid-deċiżjoni tiegħu, ikun applika kriterji, ossija "tests", li ma jkunux għal kollox konfaċenti mal-liġi in materja, dik id-deċiżjoni tiegħu hija appellabbli.*

*L-impjeg ("employment") li ssemmi dik il-liġi hu dak taħt "con-*

*tract of service" bil-miktub jew bil-fomm, espress jew tacitu.*

*Il-liġi ma tiddefinixxix x'inhu "contract of service"; imma dan hu definit fil-Kodiċi Ċivili, u anki fl-Att XI tal-1952, u d-definizzjoni mogħtija, kemm fil-wieħed kemm fl-ieħor, tadatta ruħha għall-impjeg ta' min ikun obligat jagħmel lil min jimpjegah is-serviġi tiegħu b'rimunerazzjoni, u taħt il-kontroll ta' min jimpjegah.*

*Biex impjeg ikun assigurabbli ma hux meħtieġ orarju fiss u sede stabbilita, u hekk, professjonista li jkun impjegat mhux bħala professjonista, imma bħala skrivan, u li jkun obligat jagħmel ix-xogħol li jassenjalu minn jimpjegah minn ġurnata għall-oħra, u ma kellux il-libertà tal-professjonista, huwa mpjegat assigurabbli; u dak l-impjeg jintitolah għall-pensjoni tax-xjuħ.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tal-imsemmi Prokuratur Legali Giuseppe A. Bruno, li ppremetta illi b'deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru nominat skond id-dispożizzjonijiet tal-Att VI tas-sena 1956 kommunikata lill-esponent fil-25 ta' Awissu 1961, l-esponent ġie preklus mill-benefiċċju talpensjoni tax-xjuħ, billi ġiet riġettata l-eċċezzjoni mogħtija li l-intimat kien ġa ħa deċiżjoni fis-sens li l-impjeg talesponent kien ta' natura pensjonabbli, liema deċiżjoni listess intimat kien qiegħed issa jittanta jirrevoka, u anki billi ġie deċiż li l-impjeg tal-esponent ma' Giuseppe Schembri ma kienx ta' natura tali li jintitolah għall-benefiċċji taħt l-imsemmi Att; illi huwa ħass ruħu aggravat b'din iddeċiżjoni, u għalhekk qiegħed jappella minnha; u talab li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fid-data tad-19 ta' Awissu 1961, u kommunikata lilu fil-25 ta' Awissu 1961; u dan billi tiddeċidi illi l-ħamsa u sittin kontribuzzjoni mħallsa mill-appellant bejn Mejju 1958 u Mejju 1959 huma validi għall-finijiet u effetti kollha tal-att VI tas-sena 1956; li d-deċiżjoni meħuda mill-intimat fl-okkażjoni li eżiġa l-pagament kontinwat tal-bolli u mpona penali billi rritiena l-impjeg tal-esponent assigurabbli għall-finijiet tal-istess Att ma setgħet qatt tiġi revokata; u li konsegwentement l-esponent adempixxa l-pagament u l-*formalitajiet* kollha *mposti* mill-Att

VI tas-sena 1956, u li huwa ntitolat għall-pensjoni tax-xjuħ mogħtija skond l-istess Att billi ssoddisfa l-kondizzjonijiet kollha mposti mill-liġi meta laħaq l-età tax-xjuħ. Bl-ispejjeż;

*Trattat l-appell;*

Ikkunsidrat;

L-appell hu mpernjat fuq żewġ motivi: l-ewwel, illi s-serviġi li l-appellant kien jippresta lil Schembri kienu jikkostitwixxu mpjeg *taħt kuntratt ta' servizz*, u għalhekk assigurabbli; u t-tieni, illi d-Direttur kien ġa ħa deċiżjoni li l-impjeg tal-appellant ma' Schembri kien assigurabbli;

L-appell mid-deċiżjonijiet tal-Arbitru hu konċess mill-liġi in materja (art. 44 Att VI tal-1956) minn pont ta' dritt;

Dwar l-ewwel motiv;

Jirriżulta mill-provi (red. 11, 17, 30 u 41 tal-file) li l-appellant, fil-perijodu kontrastat, kien jagħmel lil Joseph Schembri l-korrispondenza kollha li kienet tirrigwarda l-proprjetà tiegħu (eskluża dik li kellha x'taqsam mal-Qorti). Kien jattendi għal din il-korrispondenza skond l-urġenza tagħha. Kienu jiltaqgħu l-biċċa l-kbira kulljum, tant fil-għodu kemm filgħaxija, ħlief xi drabi. L-appellant anki kien imur f'xi dipartiment tal-Gvern għal dak kollu li kien jeħtieġ in konnessjoni mal-proprijetà ta' Schembri. Ir-rimunerazzjoni kienet tvarja skond ix-xogħol; ġie li kienet *tkun ta' £3 fil-ġimgħa, ġie li kienet lira u nofs iżda* qatt anqas, u aktarx kienet tkun lejn it-tliet liri. Ma għaddiet ebda ġimgħa li fiha l-appellant ma ħax rimunerazzjoni; ġie li ħa anki "extra", meta jkun għamel xi xogħol barra mill-ordinarju. L-appellant kien jiddedika lil Schembri xi sagħtejn kulljum. Orarju stabbilit u sedi ta' xogħol fissa ma kienx hemm;

Fl-opinjoni tal-Qorti, l-Arbitru applika kriterji, ossija "tests", li ma humiex għal kollox konfaċenti mal-liġi

maltija, u anki applikahom b'rigur żejjed. F'dan is-sens is-sentenza hi appellabbli fuq dan il-punt;

L-"employment" li jsemmi l-Att VI tal-1956 hu dak taħt "contract of service" (ara para. I, l-Ewwel Skeda annessa mal-Att, Part I), bil-miktub jew bil-fomm, espress jew taċitu. L-Att ma jiddefinixxix x'inhu "contract of service", imma jiddefinieħ il-liġi komuni fl-art. 1712 tal-Kodiċi Ċivili; u anki l-liġi speċjali, affini għan-"National Insurance Act", ċjoè l-art. 2 tal-Att XI tal-1952, li rrevoka l-art. 1717-1721, imma mhux l-art. 1712. Id-definizzjoni mogħtija, kemm fil-liġi waħda kemm fl-oħra, tadatta ruħha għall-impjeg tal-appellant; għaliex l-appellant kien obligat li jagħmel lil Schembri fiż-żmien meħtieġ l-inkombenzi fuq imsemmija, u Schembri kien obligat li jagħtieh ir-rimunerazzjoni fuq imsemmija;

L-Arbitru applika wkoll b'rigur żejjed il-kriterju tal-"control". Schembri kellu dan il-kontroll filli kien jista' jeżiġi li ssir fiż-żmien meħtieġ u skond id-direttivi tiegħu dik il-korrispondenza li kellha ssir, u jiġu avviċinati dawk id-dipartimenti li kien hemm bżonn li wieħed javviċina, u li hu u l-appellant jiltaqgħu kulljum biex jiġi deċiż fuq dak li għandu jsir;

Ir-rekwiżit li donnu eżiġa l-Arbitru, ta' orarju fiss u sede stabbilita, ma jidherx li hemm loku. Jiżdied li l-appellant ma kienx impjegat bħala prokuratur legali, imma għal xogħol ta' skrivan, u bħala tali kien obligat jagħmel ix-xogħol li kien jassenjalu Schembri minn ġurnata għal oħra, u ma kellux il-libertà tal-professjonista;

Għalhekk, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka d-deċiżjoni tal-Arbitru, tiddikjara l-impjeg tal-appellant assikurabbli taħt l-Att VI tal-1956, u li konsegwentement l-appellant hu ntitolat għall-pensjoni tax-xjuħ;

L-ispejjeż jitħallsu mill-appellat nomine.